# UPDATE Priests

April 2009 - N.13

## F'din l-edizzjoni

Konkors JIZ 09

Pellegrinagg fl-Art Imqaddsa

Laqgha mal-voluntiera zghazagh

Public Lecture

Iz-Zghazagh u l-istress

Join Our Mailing List!

## Quick Links

Sit tal-KDZ
Maltadiocese Website
Awakeningasaph

## IKTUS




Ordna aktar kopji

## Jum Dinji Taz-Zghazagh

W.Y.D. Madrid 2011

(unofficial logo)

Aqra l-messagg tal-Papa u messaggi ohrajn relatati mal-Jum Dinji taz-Zghazagh

## Ibghatilna is-suggerimenti u kummenti tieghek

Ikkuntattjana

## Hsieb....

**Ahna ma nikbrux spiritwalment billi nahsbu hafna imma billi nhobbu hafna. - Chiara Lubich**

Gheziez sacerdoti,

Qed nibghatulkom l-up-date din id-darba b'dehera gdida. Nittamaw li togghobkom. Inhossu l-importanza li nzommu komunikazzjoni miftuha maghkom ghax inqisukom bhala partners essenzjali fil-hidma ma' l-Adolexxenti u Zghazagh. Inheggukom biex intom ukoll issibu hin li tikkomunikaw maghna b'kull mezz possibbli sabiex twasslulna l-hsibijiet taghkom, il-kritika, l-aspirazzjonijiet taghkom, forsi anke xi materjal li jista` jkun utli ghall-operaturi pastorali. Nafu li l-up-dates qed ikunu apprezzati u qed ikunu mezz effettiv mhux biss ta` informazzjoni imma anki ta` aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni bejnietna. Ghalhekk hsibna li ninvestu aktar f'dan ir-risors, u nixtiequ li jservi wkoll biex intom ikollkom mezz aktar facli biex tikkomunikaw maghna.

kummissjoni djocesana zghazagh

Nizzu hajr lill-Alla, Il-Kummissjoni Djocesana Zghazagh issa qabdet triq ta` progress li qed ihalli hafna frott. Hafna aktar persuni u ghaqdiet qed jippartecipaw fil-hidma Djocesana; qed tinhass ukoll aktar il-kooperazzjoni bejn l-Ghaqdiet taz-zghazagh u ghandna aktar sinergija; numru ta` parrocci qed jikkooperaw bejniethom fuq livell ta` Unita` u jorganizzaw attivitajiet flimkien li jhallu hafna aktar frott fost iz-zghazagh.

Ahna, mill-banda l-ohra, bhala Staff fil-KDZ, qed kull ma jmur jizdidilna l-involviment taghna fil-processi ta` formazzjoni ta` gruppi godda u ta` sostenn tal-persuni involuti. Biex ahna niehdu hsieb nizviluppaw dan ir-rwol ta` mentoring ta` persuni, ghandna bzonn li certu impenn ta` attivitajiet fuq livell djocesan inkomplu nikkummissjonawh lill-ghaqdiet u gruppi ta` Zghazagh. Din il-kooperazzjoni lilna thallilna aktar energija u aktar hin biex niddedikawh lil dawk il-persuni li ghandhom bzonn ta` sostenn min naha taghna fil-hidma taghhom maz-zghazagh.

L-agenda tal-KDZ hija twila, sabiha u impenjativa. M'ghandix dubju li tapprezzaw l-isforzi li qed isiru sabiex l-Evangelizzazzjoni taz-zghazagh issir dejjem aktar effettiva u tghin liz-zghazagh taghna jpoggu "t-tama" taghhom "f'Alla l-Haj". Nistednukom tkunu parti minn din l-esperjenza. Zommu kuntatt mal-Kummissjoni. Nahdmu flimkien.

## Konkors Kanzunetta Ufficjali JIZ 09




Nistednukom biex nhar is-Sibt li gej tinghaqdu maghna ghar-raba' edizzjoni tal-Konkors Kanzunetta Ufficjali Jum iz-Zghazagh 09 li din is-sena ser jiehdu sehem fiha mhux anqas minn 10 bands. Inheggukom biex tattendu flimkien maz-zghazagh li tahdmu maghhom. Aktar ifnormazzjoni tinsab f'dawn is-siti:
http://awakeningasaph.org/index.php?option=com_content&

task=view&id=35&Itemid=45 u http://www.facebook.com/home.php#/event.php?eid=60053223313.

**Pellegrinagg ta' Mons. Arcisqof fl-art imqaddsa maz-zghazagh**




Il-gimgha li ghaddiet Mons. Arcisqof ghamel stedina liz-zghazagh biex jinghaqdu mieghu ghal pellegrinagg fl-art Imqaddsa. Inheggu lil dawk kollha interessati sabiex inizzlu l-informazzjoni minn fuq is-sit tal-KDZ www.kdz.org.mt jew mis-sit tal-Patrijiet Frangiskani:
http://www.ofm.org.mt/?p=1030 u jikkuntattjaw lil Fr. Twanny fuq 21242254 jew comalt@waldonet.net.mt. Jekk taghfsu fuq ir-ritratt fuq ix-xellug tistghu taccessaw direttament is-sit.

**Mons. Arcisqof jiltaqa' mal-voluntiera zghazagh**




Celebrazzjoni ta' hbiberija u fidi bejn iz-zghazagh u Mons. Arcisqof. Din il-laqgha hi miftuha ghal dawk iz-zghazagh impenjati fil-volontarjat. Din l-attivita' hi animata mill-grupp LIFT. Zghazagh li ser jattendu ghal din l-attivita' huma mitluba jirregistraw billi jibaghtu email fuq info@kdz.org.mt jew icemplu fuq 21484506. Tajjeb li jindikaw ukoll f'liema ambjent jaghmlu hidma volontarja:

**Data: L-Erbgha 29 ta' April 09**
**Post: Millennium Chapel, Paceville**
**Hin: 19.30**

**Public Lecture & non-residential weekend**




The Jesuit Centre for Faith and Justice in collaboration with the diocesan Pastoral Formation Institute is organising a weekend non-residential seminar to which you are cordially invited. This seminar is open to all lay persons who are active in the Church.

The seminar will be lead by Fr Fernando Franco SJ, the Director of the Social Apostolate Secretariat of the Society of Jesus. This seminar will consist of two parts. Part one will be a public lecture to be held on Friday 24th April at the Phoenicia Hotel (see attached poster). The second part will take place at Mount St Joseph Retreat House, Mosta and will have the following programme. More information can be obtained from the following website: www.maltapfi.org or by clicking and downloading the poster.

**Konferenza: Iz-zghazagh u l-Istress**

Konferenza formattiva indirizzata lil operaturi pastorali, edukaturi, u persuni ohrajn li jahdmu maz-zghazagh. Tema: Iz-zghazagh u l-Istress: harsa lejn hajja aktar holistika. Persuni li ser jattendu ghal din il-konferenza huma mitluba jirregistraw billi jibaghu email fuq info@kdz.org.mt jew icemplu 21484506. L-applikazzjonijiet ser ikunu milqugha fuq bazi first come first served. Programm jinsab fuq il-website www.kdz.org.mt.

**Data: Is-Sibt 9 ta' Mejju, 2009**
**Post: Kavallier ta' San Gakbu, Valletta**
**Hin: 09:00**

Inselli hafna ghalikom,

Fr. Savio

**Tistghu taghmlu forward ta' din l-email billi taghfsu il-buttuna "forward email" li tinsab taht dan il-messagg. Napprezzaw jekk tibaghtu din l-email lil sacerdoti ohrajn.**

**Forward email**

Email Marketing by

SafeUnsubscribe®
This email was sent to info@kdz.org.mt by info@kdz.org.mt.
Update Profile/Email Address | Instant removal with SafeUnsubscribe™ | Privacy Policy.

Constant Contact
TRY IT FREE

Kummissjoni Djocesana Zghazagh | 492/3 | St. Joseph High Road | Sta. Venera | SVR 1014 | Malta